L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
F: (0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
www.iklin.lc.gov.mt

KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

Jannar 16, 2017

**Rapport Amministrattiv li jkopri l-perjodu ta' bejn Jannar u Diċembru 2016**

Hekk kif ħriġna mill-Festi tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena, fil-bidu tas-sena l-ġdida 2017, kif jitlob l-Att XV tal-1993 dwar it-twaqqif tal-Kunsilli Lokali (Kap. 363), tal-anqas darba fis-sena, il-Kunsilli Lokali għandhom isejħu laqgħa tal-lokalità li għandha tinżamm qabel il-laqgħa li fiha l-Kunsill ikun ser jikkunsidra l-estimi għas-sena finanzjarja li tkun ġejja u li għaliha jkunu jistgħu jattendu r-residenti tal-lokal. Il-Kunsill Lokali, wara din il-konsultazzjoni pubblika mar-residenti, iħejji Pjan ta' Ħidma ta' tliet snin li jkun rivedibbli.

Matul is-sena 2016, il-Gvern Ċentrali alloka Eur234, 704 lill-Kunsill Lokali L-Iklin. Biex nagħti aktar dettal, din l-allokazzjoni tinqasam skont il-funzjonijiet.

| FUNZJONI | Eur |
|---|---|
| Parki, Ġonna u soft areas | 3,559 |
| Manutenzjoni ta' Toroq | 83,497 |
| Immaniġġjar tal-Iskart | 49,034 |
| Nefqa għall-Amministrazzjoni | 84,667 |
| Tipping fees | 13,946 |
| Allokazzjoni Totali | 234,704 |

B'responsabbiltà kbira, il-Kunsill Lokali huwa kawt fil-mod ta' kif jiġu amministrati dawn il-fondi pubbliċi. Bħala prijorità, il-Kunsill Lokali jassigura li jkopri l-kuntratti obbligatorji li jinkludu s-servizzi tal-Accountant, tal-Perit, Contract Manager, il-Konsulenti tal-Kunsill, il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart domestiku, s-servizz tal-ġbir tal-WEEE u bulky refuse, is-servizz tal-knis u l-indafa pubblika, is-servizz tal-manutenzjoni tal-Parki, ġonna u *soft areas*, il-manutenzjoni tat-toroq u l-bankini, s-servizz tal-manutenzjoni tal-lampi tat-toroq (street lighting), il-manutenzjoni tas-sinjali tat-traffiku u l-marki taż-żebgħa, u servizzi oħra.

Ma' dawn il-kuntratti obbligatorji, hemm in-nefqa amministrattiva u dik kapitali fejn il-Kunsill Lokali jimbarka fuq proġetti ġodda biex ikompli jtejjeb u jsebbaħ l-infrastruttura tal-lokal.



Sindku (Mayor): Anthony Dalli, Viċi Sindku (Deputy Mayor): Dr Dorian Sciberras LL.D,
Kunsilliera (Councillors): Wilfrid Buttigieg, Maris Azzopardi, Yvonne Bartolo

Laqgħat tal-Kunsill Lokali

| | | | IT-TMIEN KUNSILL | | | 2015-16 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | AMBAXXATUR |
| LAQGHA | DATA | GURNATA | DALLI | SCIBERRAS | BUTTIGIEG | AZZOPARDI | BARTOLO | XERRI |
| NO. | | | ANTHONY | DORIAN | WILFRID | MARIS | YVONNE | JURGEN |
| 14 | 12/01/2016 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 15 | 20/01/2016 | L-Erbgħa | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 16 | 16/02/2016 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 17 | 08/03/2016 | It-Tlieta | IVA | IVA | SKUZAT | IVA | IVA | IVA |
| 18 | 22/03/2016 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 19 | 12/04/2016 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 20 | 26/04/2016 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 21 | 10/05/2016 | It-Tlieta | IVA | IVA | SKUZAT | IVA | IVA | IVA |
| 22 | 06/06/2016 | It-Tnejn | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | SKUZAT |
| 23 | 21/06/2016 | It-Tlieta | IVA | IVA | SKUZAT | IVA | IVA | IVA |
| 24 | 19/07/2016 | It-Tlieta | IVA | IVA | SKUZAT | IVA | IVA | IVA |
| 25 | 11/08/2016 | Il-Hamis | IVA | IVA | SKUZAT | IVA | IVA | IVA |
| 26 | 13/09/2016 | It-Tlieta | IVA | IVA | SKUZAT | IVA | IVA | IVA |
| 27 | 27/09/2016 | It-Tlieta | IVA | IVA | SKUZAT | IVA | IVA | IVA |
| 28 | 11/10/2016 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 29 | 26/10/2016 | L-Erbgha | IVA | IVA | IVA | SKUZATA | IVA | IVA |
| 30 | 16/11/2016 | L-Erbgha | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 31 | 14/12/2016 | L-Erbgha | IVA | IVA | SKUZAT | IVA | IVA | IVA |

Il-Kunsill Lokali Itaqa' formalment 18-il darba. L-attendenza tal-membri tal-Kunsill Lokali kienet waħda sodisfaċenti. Il-laqgħat huma pubbliċi u *streamed live* għall-benefiċċju tar-residenti u l-pubbliku nġenerali.

Is-Sindku Anthony Dalli attenda għas-seduti kollha tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku Dorian Sciberras attenda għas-seduti kollha tal-Kunsill. Il-Kunsillier Wilfrid Buttigieg attenda (10) seduti u kien skużat għal tmien seduti. Il-Kunsillier Maris Azzopardi attendiet 17-il seduta u kienet skużata għal (1) seduta. Il-Kunsillier Yvonne Bartolo attendiet għas-seduti kollha tal-Kunsill. L-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ Jurgen Xerri attenda għal 17-il seduta u kien skużat għal (1) seduta waħda.

**Parteċipazzjoni fl-Iskemi li jniedi d-Dipartiment tal-Gvern Lokali**

**Memo 30/2015 – Skema dwar Inizjattivi ta' attivitajiet kulturali għal 2016**

'Festa tal-Fjuri' 2016 kienet it-tema magħżula mill-Kunsill Lokali L-Iklin għal dan l-avveniment kulturali li ġie mtella l-Ħadd 15 ta' Mejju 2016 fi Triq Anton Buttigieg L-Iklin.

Din l-attività ġiet imtella bil-kollaborazzjoni tas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u tal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta. Environmental Landscapes Consortium Ltd kien tista' tgħid *stakeholder* prinċipali f'din l-attività.

Il-Kunsill Lokali L-Iklin welled din l-attività mill-isem li ġġib din il-lokalita 'L-Iklin' (Rosemary) li hija x-xitla jew aħjar ħaxixa aromatika li f'Malta tikber faċilment u nsibuha f'diversi nħawi, nkluż fl-Iklin. Din ix-xitla għandha l-benefiċċji tagħha għaliex għandha użu mal-ikel u x-xorb apparti li minn din ix-xitla jsiru wkoll żjut naturali.

Festa tal-Fjuri tat l-opportunità lil *flower vendors* u lill-Għaqdiet tal-lokal biex itellgħu stands bil-fjuri, xtieli u ħwawar. In-numru tal-parteċipanti waqt din l-attività kien wieħed aċċettabbli.

Minbarra negozjanti li ħadu sehem f'din l-attività, il-Kunsill Lokali ta l-ispazju lill-għaqdiet tal-lokal biex jarmaw stands bil-fjuri u xtieli.

L-Għaqdiet parteċipanti kienu tlieta:

1. L-Iklin Scout Group
2. Lija/Iklin Football Youth Nursery
3. Parroċċa Familja Mqaddsa

**Esperjenzi u Implikazzjonijiet**

Fuq dan il-punt, il-Kunsill Lokali kellu esperjenza xejn sabiħa fejn b'sorpriża ntbagħtu spetturi mid-Dipartiment tal-VAT biex jispezzjonaw l-istands armati għal dan l-avveniment kulturali. Sfortunatament, kien hemm xi irregolaritajiet minn fost il-parteċipanti għaliex ma kenux konformi mal-liġi tal-VAT. Il-Kunsill Lokali kien iddiżappuntat b'din is-sitwazzjoni. Fil-fatt, il-Kunsill Lokali kien antiċipa u għaldaqstant talab laqgħa mad-Dipartiment tal-VAT dwar punti ta' kjarifika għal sempliċi fatt li l-*items* li kienu għall-bejgħ, fil-maġġor parti tagħhom kienu VAT Exempt. Fuq dan il-punt, il-Kunsill Lokali kien assigurat li kien hemm aderenza mal-liġi tal-VAT.

L-attività kulturali ġiet imtella fi Triq Anton Buttigieg peress li din l-imsemmija triq tippossjedi *soft landscaping* u loġistikament kien jagħmel sens li din l-attività ssir f'din iż-żona. Fuq nota pożittiva, il-Kunsill Lokali kien għaqli fejn minħabba nuqqas ta' riżorsi finanzjarji, iddeċieda fuq lok li toffri *set up* naturali marbuta mat-tema. Prattikament kienet għażla awtomatika fejn il-Kunsill Lokali ffranka l-ispejjeż.

Il-Kunsill Lokali tella' *mini infiorata* fi Triq Anton Buttigieg li kienet ta' attrazzjoni għall-pubbliku preżenti. Tista' tgħid li kien hemm eluf ta' pots bil-fjuri biex irnexxielna nikkrejaw disinni fit-triq. Grazzi lil Environmental Landscapes Consortium Ltd li ssupplixxa kwantitajiet ta' eluf ta' pots bil-fjuri biex iddekorajna t-triq.

Fuq in-naħa l-oħra tal-munita, Triq Anton Buttigieg hija triq residenzjali fl-Iklin u minħabba nuqqas ta' reklamar, seta' kien wieħed mill-fatturi li l-pubbliku nġenerali ma kellux informazzjoni biżżejjed biex twasslu lejn din id-destinazzjoni. Fil-fatt, kien hemm numru żgħir ta' persuni li ġew minn barra l-lokal fejn irrimarkaw li ma kienx hemm sinjali ta' direzzjoni.

Ix-xhar ta' Mejju, ix-xhar tal-fjuri, il-Festa tal-Fjuri 2016 ġiet imtella' ġimgħa qabel Jum l-Omm. It-triq ġiet iddekorata bi fjuri friski li ffurmaw *patterns* li attiraw fotografi u saħansitra ġurnalisti li taw rappurtaġġ lil din l-attività.

Il-ġurnal Times of Malta fil-paġna 'What's on' bit-titlu 'Iklin in full bloom on Sunday' u titlu ieħor 'The flower of flight'.

L-attività kienet immirata għall-familja kollha u saret stedina miftuħa lir-residenti tal-lokal u l-pubbliku nġenerali.

Matul din l-attività, kien hemm sezzjonijiet differenti li kienu jinkludu *public talks* dwar suġġetti varji relatati man-natura u diskussjonijiet oħra interessanti minn kelliema kompetenti fosthom Alfred Baldacchino, Guido Bonett, Peter Calleja, Saviour Vella, Dione Carauna, Catherine Muscat, Pauline Attard, u Jeffrey Sciberras. Is-suġġetti li ġew trattati matul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu kienu jinkludu l-bio-diversità, pjanti endemiċi, l-użu tal-ħwawar, il-produzzjoni tal-fjuri u s-siġar Maltin, L-Iklin – in-natura tal-madwar eċċ.

Dawn il-*public talks* ġew organizzati taħt it-tinda 'Eco Cafe' u kienu tajbin. Ġew imtella b'mod professjonali u l-attendenza kienet waħda aċċettabbli.

Kif aċċennajt aktar qabel, Ipparteċipaw l-għaqdiet tal-lokal fejn b'mod volontarju tellgħu *flower stands* bil-għajnuna ta' entitajiet kummerċjali li kienu lesti jappoġġjaw din l-attività. Bażikament, l-għaqdiet li ħadu sehem kienu L-Iklin Scout Group, il-Parroċċa Familja Mqaddsa, u Lija/Iklin Football Youth Nursery.

Kien ta' sodisfazzjon kbir li l-Kunsill Lokali L-Iklin irnexxielu jġib *on board* lil dawn l-għaqdiet.

Ipparteċipaw ukoll Nature Trust Malta, Birdlife Malta flimkien mal-Iskola Primarja Lija-Balzan-Iklin permezz tal-proġett 'Dinja Waħda', MCAST – The Institute of Agribusiness, u GreenMT. Dawn l-entitajiet tellgħu stands b'materjal relatat mat-tema.

L-attività ta' dawn l-iskejjel permezz ta' proġetti tagħhom attiraw numru ta' studenti fejn kien hemm ukoll *hands on experience* dwar tħawwil ta' xtieli f'pots b'materjal riċikklat. L-attendenza tat-tfal għal dawn is-sessjonijiet kienet numeruża.

Il-Kunsill Lokali ħoloq l-ispazju biex ikun hemm sezzjoni għall-kreattività bit-tema 'Arti tal-Fjuri' fejn artisti lokali kienu qed jesibixxu l-arti tagħhom. Inkluż kompetizzjoni 'Ritratt' bit-tema marbuta man-natura. Din saret bl-inizjattiva tas-sotto Kumitat Żgħażagħ u Sport fi ħdan il-Kunsill Lokali L-Iklin.

Il-panel tal-ġurija kienet kompost minn Nutar u membri oħra u r-rebbieħ kien iż-żgħażugħ Giuseppe Attard.

Ta' interess partikolari, kien hemm *stands* armati tal-ikel b'riċetti interessanti minn Malta Chef's Society. Il-Kunsill Lokali ried jiddistingwi ruħu f'din l-attività u ngħatat l-esklussività lil min kien lest iforni ikel u xorb b'differenza.

Irreġistraw stands oħra li kienu armati b'ikel tradizzjonali bħal imqaret u *herbal tea u cocktails* bi ħwawar differenti.

Festa tal-Fjuri 2016 offriet ukoll l-aspett soċjali fejn kien hemm attrazzjonijiet oħra għat-tfal biex din il-ġurnata tkun waħda divertenti għall-familja kollha. Ġiet mistiedna il-Banda San Pio X ta' Ħal Lija li tippossjedi talent lokali biex tferraħ il-pubbliku bil-marċi u mużika allegra matul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu.

Għal din l-attività kulturali, is-Surmast żgħażugħ Andrea Cassar, żgħażugħ mill-Iklin idderieġa l-Banda għall-ewwel darba proprju waqt l-attività Festa tal-Fjuri 2016. 'Festa tal-Fjuri' tat l-opportunità lil dan iż-żgħażugħ mill-Iklin biex jesponi ruħu għall-ewwel darba quddiem il-pubbliku.

Ma' din l-attività, il-Kunsill Lokali organizza wkoll 'Horse Show' fit-triq li tmiss ma' Triq Anton Buttigieg. Għal din l-attività li attirat numru ta' dilettanti, kienu mistiedna wkoll l-għannejja.

Il-Kunsill Lokali kellu ppreparat programm ta' attivitajiet għal wara nofs-in-nhar fejn ġew mistiedna talent lokali li kien jikkonsisti fi *street performances* u kantanti oħra (promising) u oħrajn stabbiliti.

Is-serata kellha tagħlaq għall-ħabta tas-6pm bil-kantant bravu Ludwig Galea.

Sfortunatament, l-attività ma laħqitx l-aspettattivi tal-Kunsill Lokali għal raġuni li fil-ħin ta' wara nofs-in-nhar, l-attendenza tal-pubbliku nġenerali kienet waħda medjokri tant li l-*event organiser* (Kunsill Lokali) kellu jikkonkludi l-attività mhux skont il-ħin skedat.

Il-fatturi għal dan setgħu kienu diversi:

1. Attivitajiet oħra li ġew imtella fl-istess ġurnata; attività ġewwa l-Ġonna ta' Sant' Anton organizzata mill-Horticultural Society; attività kbira fl-Mdina u oħra fil-Palazz tal-President; l-attività tal-Mdina kellha ssir il-Ħadd ta' qabel u ġiet posposta minħabba l-maltemp;
2. Limitazzjoni fil-pubbliċità minħabba nuqqas ta' riżorsi finanzjarji;
3. Il-ġurnata ma kenitx waħda pjaċevoli għax il-jum beda bix-xita u bir-riħ matul il-jum;

Il-Kunsill Lokali jinnota li minkejja li l-kampanja li saret mar-residenti tal-lokalità permezz ta' *mail-shots* li tqassmu bieb bieb fil-lokalità, il-materjal pubbliċitarju li tqassam fil-lokalità, avviżi fuq il-mezzi soċjali, intervisti fuq stazzjonijiet tar-Radju, televiżjoni, Press Conference, Press Releases, ir-riżultat ma kienx wieħed sodisfaċenti.

Hemm ħafna pożittiv iżda meta tqis il-ħin, ir-riżorsi, l-enerġija u l-ispejjeż komparat mal-outcome tal-istess attività, wieħed għandu jerġa jevalwa s-sitwazzjoni.

L-attività kulturali 'Festa tal-Fjuri' tista tikber jekk il-Kunsill Lokali jinvesti aktar fl-attività. Prattikament, il-Kunsill Lokali qed jalloka 3% mil-allokazzjoni finanzjarja għal dan l-avveniment kulturali. Is-suċċess ta' din l-attività kulturali jista' jintlaħaq jekk il-Kunsill Lokali jirnexxielu jirbaħ lill-komunità tal-Iklin. *Citizen participation* hija ċ-ċavetta ta' kull suċċess.

## Attivitajiet soċjali/kulturali/edukattivi bħala mezz ta' community engagement

Matul is-sena 2016, il-Kunsill Lokali kien kommess sabiex iżomm kuntatt mall-komunità permezz tal-attivitajiet soċjali, kulturali u dawk edukattivi.

Bejn is-26 – 28 ta' Frar kienet organizzata attività soċjali għall-komunità tal-Iklin;
Fid-9 ta' Marzu ġiet organizzata l-attività għal Jum il-Mara;
Fil-11 ta' Mejju ġiet organizzata l-attività għal Jum l-Omm;
Fid-19 ta' Awwissu ġiet organizzata l-attività soċjo-kulturali 'Gozo by Night';
Fid-9 ta' Novembru ġiet organizzata Ħarġa Kulturali fil-kapitali Valletta;
Fis-17 ta' Diċembru ġie mtella' l-Kunċert tal-Milied mill-grupp 'EnKor';
Fit-22 ta' Diċembru ġiet imtella' *re-enactment* tal-ġrajja qaddisa tal-Milied fit-toroq tal-Iklin;
Fid-23 ta' Diċembru ġiet imtella' l-attività 'Ġej il-Father Christmas';
Fis-27 ta' Diċembru 'Presentation Night' fit-Terrazzin tal-Kunsill;
Fid-29 ta' Diċembru ġie mtella' Christmas Party għat-tfal tal-komunità;

## Laqgħat mal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta

Il-Kunsill Lokali kellu numru ta' laqgħat mal-Awtorità dwar it-Trasport matul is-sena li għaddiet dwar it-tieni fażi tal-proġett fi Triq il-Wied li jikkonsisti f'titjib u tisbiħ ta' bankini ġodda u *soft landscaping*. Kif appena l-Kunsill Lokali kiseb l-approvazzjoni tal-Awtorità dwar il-proġett propost, il-Kunsill Lokali kompla bil-proċess tal-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar fejn fl-1 ta' Diċembru 2016, il-Kumitat li jmexxi l-Urban Improvement Fund approva l-fondi għall-proġett fejn huwa stmat li l-proġett ser jammonta għal madwar Eur43K.

Kienu bosta l-laqgħat li saru mal-Awtorità dwar it-Trasport dwar *issues* li kienu jikkonċernaw b'mod dirett lill-lokalità. Il-Kunsill Lokali kellu jintervjeni dwar il-proġett ta' Water Main ġdid tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Dan għall-fatt li t-tqegħid tal-*pipe-laying* kellu jgħaddi minn B'Kara By-Pass u minħabba diffikultajiet tekniċi u loġistiċi, kien deċiż li jsir *re-routing* u s-servizzi jgħaddu mis-service road tal-Iklin. Il-Kunsill Lokali kellu jitlob laqgħa fl-immedjat biex ikun ikkonsultat peress li x-xogħlijiet kienu ser isiru fil-konfini tal-Iklin. Wara numru ta' laqgħat mal-Awtorità u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, inkluż spezzjonijiet fuq il-post ma' Uffiċċjali tal-Awtorità tat-Trasport u tal-Ministeru tat-Trasport, il-Kunsill Lokali għamel il-pożizzjoni tiegħu fejn aċċetta li s-servizzi underground jgħaddu mill-konfini tal-lokalità bil-kundizzjoni li *re-instatement* irid jingħata *in full width* bl-*asphalt* fi *service road* u fi Triq Ċensu Bugeja. Il-proġett huwa massiv u x-xogħlijiet għadhom għaddejjin. Kien hemm qbil li x-xogħlijiet jieqfu għal żmien il-Festi tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena u x-xogħol jitkompla fil-bidu tas-sena l-ġdida.

Il-Kunsill Lokali kien kommess isegwi x-xogħlijiet biex l-inkonvenjenzi jkunu minimi. Ix-xogħlijiet għadhom qed jiġu segwiti mill-Kunsill Lokali u d-diskussjonijiet ser ikomplu fil-jiem u l-ġimgħat li ġejjin dwar it-tkomplija tal-proġett.

## Proġett pilota 'iRecycle' mall-kumpannija awtorizzata GreenMT

Il-Kunsill Lokali L-Iklin kien magħżul mill-kumpannija awtorizzata GreenMT għall-proġett pilota 'iRecycle'. Il-kunċett iRecycle żviluppa bl-iskop li jippremja lil dawk il-familji jew individwi li jirriċiklaw l-aktar. L-ideja wara dan il-kunċett 'iRecycle' huwa li jidentifika kull borża griża u lil min tappartjeni. Dan permezz ta' recycling tags li jkun fihom barcode li meta ssir il-kollezzjoni, jinqata' l-barcode mill-kollettur biex jiġi entrat f'sistema kompjuterizzata. Permezz ta' dan il-proġett pilota, li miegħu hemm marbut numru ta' rigali għal min jirriċikla l-aktar, huwa maħsub li jiżdied il-piż ta' skart separat iġġenerat mill-komunità tal-Iklin.

Dan il-proġett pilota kien varat f'Ġunju li għadda fejn saret Konferenza Stampa fejn kienu wkoll mistiedna l-Onor. Segretarju Parlamentari Dr. Stepfan Buontempo u l-Onor. Segretarju Parlamentari Dr. Hosè Herrera li faħħru din l-inizzjattiva.

Ir-residenti kienu msejħa biex jiġbru recycling bags u recycling tags mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-proġett pilota huwa mqassam fuq (40) ġimgħa konsekuttiva. Il-proġett pilota għadu għaddej u jagħlaq f'Mejju 2017. Huwa ppjanat li l-'best recyclers' jiġu ppremjati fil-Festa tal-Fjuri 2017.

Il-proġett pilota 'iRecycle' għadu qed jiġi segwit u r-residenti, fil-maġġor parti tagħhom qed jippartecipaw u qed jikkollaboraw f'din l-inizzjattiva.

**Inizzjattivi oħra ambjentali matul is-sena 2016**

Il-Kunsill Lokali għamel ftehim ma' ElectroWaste Ltd biex jitqiegħed kontenitur fiċ-Ċentru tal-Iklin biex ir-resident jiddisponi minn tessuti u aċċessori, żraben użati għal skop ta' reċiklaġġ. B'dan il-mod, il-Kunsill Lokali żied servizz ieħor għall-komunità u fl-istess waqt ikun qed jintlaħaq l-iskop ta' 3R's.

F'Novembru tal-2016 sar ukoll ftehim ma' WEEE Malta biex il-Kunsill Lokali jkollu WEEE trolley fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali biex jiżdied servizz ieħor għall-benefiċċju tar-resident biex ikun jista' jiddisponi minn materjal tal-elettriku u l-elettronika żgħir ta' mhux aktar minn 40cm.

## Laqgħat ta' konsultazzjoni mar-residenti

Il-Kunsill Lokali jkun minn ta' quddiem biex jissalvagwardja l-interess tar-residenti dwar l-applikazzjonijiet għall-permess ta' żvilupp li jista jimpatta b'mod negattiv fuq ir-resident u l-ambjent tal-madwar.

Matul is-sena 2016, kien hemm numru ta' istanzi fejn il-Kunsill Lokali wara li jkun talab il-pariri tekniċi mingħand il-konsultenti tiegħu, jissottometti rappreżentazzjonijiet lill-Awtorità tal-Ippjanar. Dan biex ikun assigurat li m'għandu jsir l-ebda permess ta' żvilupp jekk ma jissodisfawx il-kriterji skont il-policies ta' Central Malta Local Plan. Fil-fatt, il-Kunsill Lokali issottometta 16-il rappreżentazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar dwar applikazzjonijiet għall-permess ta' żvilupp.

F'Ġunju tal-2016, il-Kunsill Lokali sejjaħ laqgħa mar-residenti li jirrisiedu fiż-żona ta' madwar Triq Richard Taylor, Triq May Butcher u Triq Pawlu Grech dwar l-applikazzjoni – *Construction of fuel station and ancillary facilities at B'Kara By-Pass c/w Triq May Butcher*. Il-Kunsill Lokali spjega l-pożizzjoni tiegħu dwar din l-applikazzjoni, u aċċerta lir-residenti li jirrisiedu fiż-żona li l-Kunsill Lokali kien oġġezzjona għal dan l-iżvilupp. Fil-frattemp, b'tibdil li sar fl-Awtorità tal-Ippjanar, skont Development Planning Act, il-Kunsill Lokali, illum il-ġurnata għandu dritt tal-vot fil-Bord tal-Awtorità fuq proġetti kbar. F'dan il-każ partikolari, fejn is-Sindku kellu d-dritt jeżerċità l-vot tiegħu, il-Kunsill Lokali kien mgħarraf mill-Awtorità tal-Ippjanar li l-applikant kien irtira l-applikazzjoni.

Nhar it-23 ta' Lulju 2016, il-Kunsill Lokali iddeċieda li jsejjaħ Konferenza Stampa din id-darba dwar is-sit ta' San Mikiel fejn il-Kunsill Lokali għandu proġett propost biex l-għalqa, art pubblika tiżviluppa f'Park ta' Rikreazzjoni u faċilità għall-parkeġġ.

Il-Kunsill Lokali, għal dawn l-aħħar numru ta' snin, ilu jagħmel pressjoni fuq il-Gvern Centrali biex id-Dipartiment tal-Artijiet joħroġ sejħa pubblika biex din l-art tiġi żviluppata. Il-Kunsill Lokali reġa ġedded il-permess ta' żvilupp peress li l-permess kien validu għal ħames snin għax jemmen bis-sħiħ f'dan il-proġett propost. Il-Kunsill Lokali deherlu li issa kien għadda wisq żmien u minkejja numru ta' laqgħat li saru mall-Ministri tal-Gvern dwar dan is-suġġett, ma kien hemm l-ebda żvilupp. Il-Kunsill Lokali huwa konxju mill-fatt li r-residenti li jirrisiedu f'din iż-żona, jinsabu frustrati minħabba l-inkonvenjenzi li tikkawża din l-għalqa. Il-Kunsill Lokali għadu sorpriż sallum ta' kif din l-art pubblika ngħatat *b'encroachment* lil terzi meta l-Gvern Ċentrali huwa nfurmat bil-proġett propost.

**'Insaħħu l-kompetenzi għas-Servizzi Pubbliċi effiċjenti permezz tal-użu tas-servizzi elettroniċi'**

Il-Kunsill Lokali L-Iklin ikun minn ta' quddiem biex jaħtaf l-opportunitajiet li jniedi d-Dipartiment tal-Gvern Lokali minn żmien għal żmien. Fi Frar li għadda, l-Kunsill Lokali kien ippreżentat lilu laptop ġdid biex ikun għodda f'idejn il-Kunsill Lokali biex jassisti fil-kampanja li qed issir dwar Servizzi Pubbliċi *online*.

## Xiri ta' Commercial Panel Van għall-użu tal-Kunsill Lokali

Inħasset il-ħtieġa li l-amministrazzjoni u l-ħaddiema tal-Kunsill Lokali jkollhom mezz ta' trasport biex jintuża waqt l-operat tal-Kunsill. Wara li din il-materja ġiet diskussa f'numru ta' seduti tal-Kunsill, kien deċiż li l-Kunsill Lokali jibda jikkunsidra l-possibiltajiet kollha dwar ix-xiri ta' vettura li taqdi l-bżonnijiet tal-Kunsill.

Il-Kunsill Lokali kien qed jikkunsidra wkoll il-possibiltà li jmur għax-xiri tal-elettromobbiltà. Din l-ideja żviluppat bil-ħsieb li l-Kunsill Lokali jappoġġja l-kunċett tat-Trasport bl-Art mingħajr emissjonijiet. Rigward l-aħħar proposta, il-Kunsill Lokali beda fittex l-opportunitajiet eżistenti dwar l-eliġibbiltà ta' fondi / grants taħt programmi tal-Unjoni Ewropeja bħal l-għodda finanzjarja LIFE u opportuntajiet oħra. Sfortunatament, il-Kunsilli Lokali ma kienx eliġibbli taħt dik l-iskema.

Wara li l-Kunsill Lokali għamel l-istudji tiegħu, wasal għall-konklużjonijiet tiegħu u ddeċieda li toħrog sejħa pubblika għax-xiri ta' Commercial Panel Van ġdid b'emissjonijiet baxxi. Eventwalment, Il-Kunsill Lokali ħareġ sejħa pubblika, sar il-proċess ta' tendering u f'Marzu tal-2016, il-Kunsill Lokali xtara Peugeot Bipper Commercial Van ġdid għall-użu tal-Kunsill Lokali L-Iklin.

## Laqgħat mall-Ministeri dwar materji pendenti fil-lokalità

Laqgħa mal-Onor. Dr. Deborah Schembri, Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru nhar il-Ħamis, 17 ta' Mejju 2016 dwar art pubblika fi Triq San Mikiel fl-Iklin.

Is-Sindku Anthony Dalli għamel riferenza għall-laqgħa preċedenti li kienet saret mal-Onor. Dr. Schembri ta' nhar l-24 ta' Marzu 2016 dwar l-istess suġġett fejn l-Onor. Dr. Schembri kienet ingħatat *briefing* bil-proċess li għadda minnu l-Kunsill Lokali L-Iklin matul dawn l-aħħar snin kemm dwar is-sit ta' San Mikiel u wkoll dwar permess li għadu 'on hold' mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-kostruzzjoni tal-bini ta' Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Patri Anastasju Cuschieri k/m Pjazza Ninu Cremona.

L-Onorevoli Dr. Schembri, wara li semgħet u talbet l-informazzjoni dwar dawn iż-żewġ proġetti proposti mill-Kunsill Lokali L-Iklin, issuġġeriet li kellha ssir laqgħa oħra fl-immedjat fil-preżenza tal-Uffiċċjali mid-Dipartiment tal-Artijiet biex tifhem aħjar għaliex dan id-dewmien esaġerat fil-proċess li kellu jsir mid-Dipartiment tal-Artijiet fir-rigward tas-sit ta' San Mikiel, wara li l-istess Kunsill Lokali kien ipprovda d-dokumentazzjoni kollha li ntalbet mill-istess Dipartiment biex jipproċedi.

Is-Sindku Anthony Dalli rringrazzja lill-Onorevoli Dr Schembri tad-dispożizzjoni tagħha u semma li kien importanti li dan is-suġġett jiġi ndirizzat quddiem il-partijiet kollha kkonċernati.

Is-Sindku Anthony Dalli semma li l-Kunsill Lokali kien ferm sorpriż bid-deċiżjoni li din l-art pubblika ngħatat *b'encroachment* lil terzi meta l-Gvern Ċentrali suppost huwa nfurmat bil-pjan u l-proġett propost tal-Kunsill Lokali L-Iklin. Is-Sindku baqa' jinsisti għal tweġiba għaliex id-Dipartiment baqa' ma ħareġ qatt is-Sejħa Pubblika?

B'reazzjoni għall-kummenti tas-Sindku, l-Uffiċċjal tad-Dipartiment spjegat li kien waqqaf il-proċess għaliex kien hemm l-*intendere* li l-Kunsill Lokali L-Iklin ma kienx għadu nteressat fil-proġett. L-Uffiċċjal tad-Dipartiment stqarret li kienet taf il-bidu ta' dan il-proġett u kkonfermat li kien proġett innovattiv għal dak iż-żmien, il-kunċett tal-*Public Private Partnership*.

Is-Sindku Anthony Dalli kompla billi qal li l-Kunsill Lokali mhux talli kien għadu nteressat fil-proġett iżda wkoll kien pro-attiv u talab lill-Uffiċċju tal-Perit Dr. Edwin Mintoff biex jieħu ħsieb iġedded il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar peress li skattaw ħames snin mill-validità tal-permess.

Il-Perit Sandro Cini tkellem mil-lat tekniku dwar dan il-proġett li jikkonsisti *f'Recreational Park with underlying Car Park* bil-permess PA 590/09 fejn saħansitra kellu l-pjanti a dispożizzjoni tiegħu biex jispjega tajjeb il-proġett għall-benefiċċju tal-preżenti.

Is-Sindku Anthony Dalli żied li filwaqt li l-Kunsill Lokali jemmen li dan il-proġett jista' jkun vijabbli, kien importanti li d-Dipartiment tal-Artijiet joħroġ Sejħa Pubblika biex jara x'ikun l-interess.

Is-Sindku Anthony Dalli flimkien mal-Viċi Sindku Dorian Sciberras saħqu illi s-sitwazzjoni tal-għalqa, kif kienet qabel ingħatat *b'encroachment* u speċjalment issa, iż-żrar li ntefa' fiha sabiex tiġi illivellata, hija inaċċettabbli għax qed toħloq inkonvenjent kbir għar-residenti li jkollhom jiffaċċjaw problemi ta' trabijiet eċċessivi kuljum, b'impatt negattiv ukoll għas-saħħa tal-persuna speċjalment għal min ibati minn problemi respiratorji.

L-Uffiċċjal tad-Dipartiment żiedet li min-naħa tad-Dipartiment kienu lesti jkomplu bil-proċess jekk l-istess Dipartiment ikollhom direzzjoni mill-politiku.

Is-Sindku Anthony Dalli ressaq proposta fuq il-mejda fejn huwa offra sabiex jagħmel il-kuntatt mal-MEUSAC biex jara x'opportunijiet jista jkun hemm fir-rigward ta' fondi għall-investiment tal-*multi-purpose pitch* u *embellishment* ieħor fejn kien oriġinarjament maħsub li l-Kunsill Lokali jamministra l-parti rikreazzjonali.

Lejn tmiem il-laqgħa, l-Uffiċċjal tad-Dipartiment kien mistoqsi x'kienu l-kundizzjonijiet marbuta mal-*encroachment permit* għall-fatt li r-residenti taż-żona kienu qed jilmentaw mill-abbandun tal-għalqa, minn trabijiet li qed ikunu ta' detriment għas-saħħa tal-persuna apparti nkonvenjenzi oħra u għalhekk il-Kunsill xtaq jara jekk kienx hemm kundizzjoni fil-kuntratt li din l-art kellha tingħata l-*asphalt* jew le.

Is-Sindku kien infurmat li ma setgħetx tingħata dik l-informazzjoni.

Fl-aħħarnett, kien konkluż li l-Kunsill Lokali kellu jistenna li tittieħed deċiżjoni mis-Segretarjat Parlamentari għall-Ippjanar u s-Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi dwar dan il-proġett. Sa ma ġie mħejji dan ir-rapport, il-Kunsill Lokali ma kellu l-ebda risposta uffiċċjali.

**Il-fond 'Wilson Garage' li jintuża bħala 'Sala tal-Kunsill' fi Triq Dr. L.F. Mizzi**

Kif aċċennajt fir-Rapport Amministrattiv tal-2015, il-fond 'Wilson Garage' huwa mikri lill-Kunsill Lokali L-Iklin biex jaqdi skopijiet soċjali, il-Kunsill Lokali kompla bin-negozjati mas-sidien matul is-sena li għaddiet fejn wara numru ta' laqgħat mas-sidien, skambji ta' korrispondenza, spezzjonijiet fil-fond u laqgħat oħra tekniċi, jidher li sar pass ieħor 'il quddiem fejn il-Kunsill Lokali qed jittama li fi ftit ġimgħat oħra jiġi ffirmat ftehim li tħejja bejn iż-żewġ partijiet biex immedjatament toħroġ sejħa pubblika biex isiru x-xogħlijiet.

**Sħubija ma' Majjistral Action Group Foundation**

Lejn l-aħħar kwart tas-sena, il-Kunsill Lokali issieħeb ma' Majjistral Action Group Foundation. Issieħeb bl-iskop li jibbenifika mill-programm LEADER li jiddistingwi ruħu minn funding programmes oħra għaliex jadotta bottom-up approach u l-istrateġija tinbena wara konsultazzjoni ma' diversi atturi fosthom il-Kunsilli Lokali.

Kif jifforma Local Development Strategies, il-Majjistral Action Group Foundation tvara numru ta' miżuri li fil-każ tal-Kunsill Lokali jkun jista japplika għal waħda mill-miżuri. Fost il-miżuri hemm program 'Strengthening a healthy Cultural Identity' fejn il-Kunsill Lokali jista' japplika għall-proġett taħt din il-miżura.

**Xogħlijiet infrastrutturali fil-lokalità**

Fil-Pjan ta' Ħidma, il-Kunsill Lokali kien kommess li jagħmel il-manutenzjoni tat-toroq l-aktar fejn kien hemm wiċċ difettuż fit-toroq li jaqgħu fil-konfini ta' din il-lokalità.

Fit-tieni kwart tas-sena, il-Kunsill Lokali appunta xogħol lill-kuntrattur tal-Kunsill Lokali biex isir *extensive patching* fi Triq Geronimo Abos preċiżament fejn hemm *pedestrian crossing* eżistenti bejn Triq Dun Karm u Triq il-Mużika, *extensive patching* fi Triq il-Mużika u parti oħra minn Triq il-Wied k/m Triq il-Plejju.

Fi Triq Ġeronimo Abos, wara pressjoni li għamel il-Kunsill Lokali mal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, fuq id-domanda tal-ilmenti tar-residenti, il-Kunsill Lokali ħass il-bżonn li ssir *pedestrian crossing* minħabba l-attività kummerċjali li tiġġenera din iż-żona. Kien importanti li l-Kunsill Lokali jinvesti u jimplimenta *pedestrian crossing* wara li jinġiebu l-permessi kollha neċessarji bl-iskop li tiżdied is-sigurtà fit-triq (road safety). Peress li Triq Ġeronimo Abos hija *two-way traffic* u l-karreġġjati wesgħin, kien imperattiv li ssir modifikazzjoni fil-bankini eżistenti u *central strip* eżistenti. Fuq il-parir tekniku tal-Perit tal-Kunsill, kien deċiż li jiġi appuntat *land surveyor* tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex isir *setting out* biex ikun assigurat li l-kuntrattur tal-Kunsill Lokali jimxi fuq l-istruzzjonijiet tal-*land surveyor*.

Il-Kunsill Lokali kien attiv b'numru ta' laqgħat u konsultazzjonijiet mal-*istakeholders* konċernati biex l-implimentazzjoni tal-*pedestrian crossing* issir skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-istess Awtorità.

Il-permess RWP1 1502/16 ħareġ fit-13 ta' Ottubru 2016 mill-Awtorità dwar it-Trasport u x-xogħlijiet tlestew kif ippjanat. Pendenti l-*guardrail* biex il-proġett ikun magħluq.

Ma' dan ix-xogħol, il-Kunsill Lokali irreveda l-immaniġġjar tat-traffiku fejn saru xi korrezzjonijiet, ġiet implimentata *junction box* biex jitjieb l-immaniġġjar tat-traffiku u sar *refreshing* tal-marki taż-żebgħa tal-imsemmija triq.

**Xogħlijiet ancillari**

Xogħol ieħor ta' manutenzjoni b'mod regolari mill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill Lokali L-Iklin. Ix-xogħlijiet kienu jinkludu manutenzjoni ta' sinjali tat-traffiku, marki taż-żebgħa, tindif tal-ispralli tal-ilma tax-xita, manutenzjoni tal-Uffiċċju, manutenzjoni tal-playingfield u xogħol ieħor skont l-esiġenzi tal-Kunsill Lokali. (day-to-day tasks).

Ri-kostruzzjoni ta' parti mill-ħitan tas-sejjieħ fi Triq ir-Razzett l-Aħmar wara li kkollassa kawża ta' nċident minn persuni mhux magħrufa. Dan il-ħitan tas-sejjieħ kien ġie ri-kostruwit minn fondi li l-Kunsill Lokali akkwista mill-European Agricultural Fund for Rural Development taħt il-miżura 323.

**Proġett fi Triq il-Wied – *Road alignment including Embellishment of Junctions***

Skont il-Pjan ta' Ħidma li jiġi ppreparat mill-Kunsill Lokali, kien imiss li jibda t-tieni fażi tal-proġett fi Triq il-Wied bejn Triq il-Ħwawar u Triq il-Bruka li se jkun jikkonsisti t-tneħħija ta' *oleander shrubs* minn fuq il-bankini eżistenti, servizzi ġodda tal-ilma *dual main* u l-*house connections*, bankini ġodda u *soft landscaping*.

Wara numru ta' laqgħat mal-*istakeholders* konċernati nkluż mall-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u service providers oħra, il-permess RWP1 – 1536/16 biex ikunu jistgħu isiru x-xogħlijiet wasal biex joħroġ fil-jiem li ġejjin.

Fil-frattemp, il-Kunsill Lokali kien applika biex jibbenifika minn fondi pparkjati għand l-Awtorità tal-Ippjanar fejn il-proġett propost kien eliġibbli għall-fondi taħt l-Urban Improvement Fund. Fl-1 ta' Diċembru, il-Kumitat tal-UIF approva l-proġett li huwa stmat li jiġi jiswa *circa* Eur43,000 u l-kuntratt ser jiġi ffirmat fil-bidu tas-sena l-ġdida.

**Proġett – Bankini ġodda fi Triq Anton Buttigieg li jinkludu wkoll servizzi ġodda tal-ilma**

Kif kien ippjanat fil-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill, kien imiss li titjieb l-infrastruttura ta' Triq Anton Buttigieg bejn Triq Ċensu Busuttil u Pjazza Ninu Cremona. Matul l-aħħar kwart tas-sena 2016, il-Kunsill Lokali kien f'diskussjonijiet u negozjati mall-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar l-istat tas-servizzi eżistenti. Minn dawn il-laqgħat, jirriżulta li skont il-Korporazzjoni, kien meħtieġ li jinbidel il-main tal-ilma u sintendi l-house conenctions. Saru spezzjonijiet fuq il-post mal-Perit tal-Kunsill u preżentement mexjin il-proċessi amministrattivi biex jiġieb il-permess tax-xogħlijiet. Il-proċess jinsab fi stadju avvanzat u l-Kunsill Lokali qed jippjana li l-proġett jibda fl-ewwel kwart tas-sena l-ġdida.

**Sessjonijiet ta' taħriġ għall-amministrazzjoni**

Is-sena 2016 kienet ikkaratterizzata minn serje ta' sessjonijiet immirati lejn l-amministrazzjoni biex ikun hemm governanza tajba.

Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ħass il-bżonn li bil-kollaborazzjoni ta' ANSEK iwettaq programm ta' taħriġ għas-Segretarji Eżekuttivi bl-iskop li jwettqu d-dmirijiet tagħhom bi professjonalità.

Matul din is-sena, attendejt għal taħriġ dwar l-immaniġġjar tal-istress. Id-Dipartiment għandu r-responsabbiltà li jagħti taħriġ li jmur lil hinn mill-funzjonijiet tas-Segretarju Eżekuttiv u jiffoka wkoll fuq il-persuna.

Inizjattiva oħra ta' taħriġ kienet dwar is-sistema elettronika tal-*Procurement* peress li ġiet mandatorja, u għalhekk kien ferm importanti li s-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati tal-Kunsill Lokali jkunu ntiżi sew fis-sistema elettronika u kien ipprovdut taħriġ ġewwa Centre for Development, Research and Training. Kull sejħa Pubblika li joħroġ il-Kunsill Lokali trid tibda ssir bis-sistema elettronika.

**Bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali**

*Status Quo* – hekk niddeskrivi l-proġett propost tal-Kunsill Lokali. Kif aċċennajt fir-Rapport Amministrattiv tal-2015, il-permess PA3801/10 jinsab 'on hold' mal-Awtorità tal-Ippjanar. Matul din is-sena, l-Kunsill Lokali reġa kellu laqgħat mal-Onorevoli Dr. Stefan Buontempo fejn nikkonferma li kienet laqgħa kordjali, fejn is-Sindku ta *briefing* fil-preżenza tal-Kunsillieri preżenti dwar il-pjanijiet tal-Kunsill Lokali, u fejn saħansitra ġie muri l-pjanti tal-proġetti proposti nkluż 'Recreational Park with underlying CarPark, u fejn ġie spjegat lilu l-ostakli li sab il-Kunsill Lokali matul dawn l-aħħar snin dwar dawn iż-żewġ proġetti proposti tal-Kunsill.

Il-Kunsill Lokali ma waqafx hawn. Talab appuntament ma' Chief Executive Officer tal-Awtorità tal-Ippjanar Johan Buttigieg f'Awwissu li għadda fejn is-Sindku għal din il-laqgħa spejga speċifikament il-proġett propost tal-Kunsill dwar il-bini ta' Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Minkejja li l-proġett propost jidher li ntogħġob u jilħaq l-iskop għall-komunità inkluż is-sit propost, jidher ċar li l-Kunsill Lokali jrid jikkonvinċi lill-politiku biex tinbidel il-*policy* dwar il-*height limitations*.

**L-amministrazzjoni u l-operat tal-Kunsill Lokali**

L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali hija komposta minn Segretarju Eżekuttiv f/timer, Asst. Prinċipal Uffiċċjal u Part-Time Clerk. Fil-każ tal-Asst. Prinċipal Uffiċċjal, il-Kunsill Lokali kien approva li din l-impjegata tibbenifika mill-*Family Friendly Measures* u taħdem bi *reduced hours* għal 30 siegħa fil-ġimgħa. F'April tal-2016, il-persuna li kienet tagħmel numru ta' sigħat taħt l-iskema Community Work tal-ETC issa ġie ingaġġat bħala *full timer* taħt il-Community Workers Scheme Enterprise Foundation u assenjat mall-Kunsill Lokali L-Iklin. Il-Kunsill Lokali għandu wkoll żewġ ħaddiema tal-RSS Limited assenjati mall-Kunsill Lokali L-Iklin.

Matul is-sena li għaddiet, l-amministrazzjoni ppruvat tidentifika n-nuqqasijiet li seta' kien hemm fl-għoti ta' servizzi u anke tindika l-livell ta' servizz li qed jingħata biex inkomplu ntejbu s-servizzi li noffru.

Il-Kunsill Lokali joffri diveri servizzi pubbliċi huma varji. L-amministrazzjoni għandha l-għan li toffri s-servizzi b'mod effiċċjenti u effikaċi.

Matul is-sena 2016, il-Kunsill Lokali irċieva (212) ilment li jvarjaw minn qtugħ ta' lampi fit-toroq residenzjali sa *water leakages, traffic management isssues, defective surfaces,* u oħrajn. 58% tal-ilmenti ngħalqu a sodisfazzjon tal-klijenti filwaqt li l-Uffiċċju għadu jsegwi l-pendenzi bil-għan li jiġu ndirizzati u solvuti jiddependi min-natura tal-ilment. Jista jagħti l-każ li l-Kunsill Lokali jkun irid jirriferi dawn l-ilmenti lill-entitajiet oħra li jieħdu aktar żmien biex il-każijiet jiġu nvestigati u ittrattati.

Matul it-tieni kwart tas-sena 2016, kien hemm tibdil fil-policies u proċeduri fejn il-Kunsill Lokali ried jaderixxi magħhom. Ħafna mid-drabi, għalkemm it-tibdil ikun meħtieġ, il-proċessi jitwalu u trid taħdem fuq *time management.*

Skont l-istatistika li ġbart mill-Uffiċċju, il-Kunsill Lokali ħareġ madwar (600) permess għal Depożitu ta' Makkinarju goff, (55) permess għal Depożitu ta' Skip Industrijali f'toroq residenzjali, (49) permessi għal Twaqqif ta' Posta jew Kiosk, (6) permessi għal depożitu ta' oġġetti ta' materjal tal-bini u (1) għal Attività fil-beraħ.

Il-Kunsill Lokali joffri servizzi oħra bħal tqassim ta' vouchers (The Celiac Voucher Scheme), u s-servizzi oħra bħal 'Seasonal Influenza vaccine' fejn skont l-informazzjoni li ġbart, kienu 270 resident 'il fuq minn 55 sena li ngħataw dan is-servizz bħala prevenzjoni kontra l-influenza. Il-Kunsill Lokali joffri wkoll servizzi oħra bħal ħlas tal-liċenzi tal-ħwienet tan-negozju, il-ħlas tal-multi, il-kirjiet, u naturalment iservi bħala *one stop shop* dwar servizzi pubbliċi.

### Sotto-Kumitat Żgħażagħ u l-Isport

Is-sotto-Kumitat taż-Żgħażagħ u l-Isport taħt ir-responsabbiltà tal-Viċi-Sindku Dorian Sciberras kien ukoll attiv bil-laqgħat tiegħu matul is-sena u dan il-Kumitat ta l-*input* fil-Festa tal-Fjuri permezz tas-sezzjoni Kompetizzjoni Ritratt. Kif issemma fir-Rapport Amministrattiv tal-2015, is-sotto-Kumitat ħadem fuq *questionnaire* immirat lejn iż-żgħażagħ fejn sar *mail-shot* fil-komunità biex il-Kumitat jieħu *response* ta' x'iridu jew x'jixtiequ jaraw iż-żgħażagħ fil-lokal biex titfassal politika attwali miż-żgħażagħ għaż-żgħażagħ. Ir-riżultat ma kienx wieħed inkoraġġanti għaliex ir-*response* taż-żgħażagħ kien wieħed insinjifikanti. Il-Kunsill Lokali jibqa ottimist u se jibqa jfittex kull mezz biex iż-żgħażagħ jersqu 'l quddiem għaliex hemm ħafna opportunitajiet interessanti għalihom personali li tista' tirrifletti b'mod pożittiv fil-komunità. Insemmi l-programm ERASMUS+ funding opportunities for Local Councils / EU Funding opportunities for Youth and training projects fejn iż-żgħażagħ jistgħu jaħtfu dawn l-opportunitajiet.

### Kontijiet Bankarji

### Bilanċi fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank sal-31.12.2016

| | | |
|---|---|---|
| HSBC Bank: | Kont Kurrenti: | Eur155,175.13c |
| HSBC Bank: | Kont Savings: | Eur40,393.05c |
| HSBC Bank: | Kont Fiss (1) | Eur7,301.29c |
| HSBC Bank: | Kont Savings | Eur19,212.90c |

| | | |
|---|---|---|
| BOV plc | Kont Kurrenti: | Eur1,113.03c |
| BOV plc | Kont Savings: | Eur3.99c (Interest) To be transferred to the Paying Agency's Account and closure of same |
| BOV plc | Kont Kurrenti: | Eur0.01c (Ecommerce Merchant Account) |

| | |
|---|---|
| Petty Cash | Eur69.88 |

Is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali sal-aħħar ta' Diċembru 2016 tindika qagħda finanzjarja b'saħħitha. Irrid infakkar li l-Kunsill Lokali għad għandu *commitments* li jridu jsiru bħall-ispejjeż tal-fond 'Wilson Garage' li jintuża bħala s-Sala tal-Kunsill fejn huwa stmat li x-xogħlijiet ser ilaħħqu circa Eur30,000. Il-Kunsill Lokali għandu wkoll commitment ieħor li jikkonsisti f'bankini u servizzi ġodda ta' Triq Anton Buttigieg flimkien ma' xogħlijiet oħra anċillari.

Kif aċċennajt aktar 'il fuq f'dan ir-Rapport, il-Kunsill Lokali wasal biex jikkonkludi n-negozjati biex eventwalment jibda l-proċess ta' tendering billi toħroġ sejħa pubblika biex isir l-intervent fuq is-saqaf tal-fond. Dan huwa neċessarju peress li din is-Sala għandha skop soċjali u taqdi diversi funzjonijiet. Matul is-sena 2016, il-Kunsill Lokali kien limitat fl-attivitajiet tiegħu minħabba l-fatt li s-sala ma kenitx aċċessibbli minħabba ħsarat strutturali. Il-Kunsill Lokali kien kostrett iwaqqaf l-attività kollha li ssir f'din is-Sala inkluż is-servizz tal-Berġa fejn ġiet trasferita b'mod temporanju fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, l-attivitajiet sportivi, soċjali, u dawk edukattivi. Fl-estimi tal-infieq tal-2016, il-Kunsill Lokali kien ivvota circa Eur25,000 speċifikament għax-xogħlijiet u fejn huwa pproġettat li l-Kunsill Lokali jerġa jivvota circa Eur5,000 mill-budget tas-sena 2017 biex isiru x-xogħlijiet meħtieġa. Fin-negozjati, kien miftiehem u deċiż li s-sidien joħorġu Eur6,600 għax-xogħlijiet.

**Għeluq**

Nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsillieri nkluż l-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ tal-impenn u l-kontribut tagħhom b'rizq il-lokalità. Naturalment nirringrazzja lill-amministrazzjoni żgħira tal-Kunsill Lokali iżda effettiva fix-xogħol tagħha u lill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill Lokali u finalment lilkom ir-residenti li tikkoperaw mall-Kunsill Lokali f'xi inizzjattiva ambjentali bħal Proġett pilota 'iRecycle' li għadu għaddej fil-lokalità bl-iskop aħħari jkun li ċ-ċittadin ikun sodisfatt bis-servizz li jipprovdi l-Kunsill. Bħal ma għamilt fir-Rapport Amministrattiv li ġie ppreżentat s-sena li għaddiet, nagħlaq dan ir-rapport billi nirringrazzja lill-W. Rev. Kappillan Dun Keith Bonnici li għoġbu jikkonċedi l-ispazju fis-Sala tal-Parroċċa biex il-Kunsill Lokali seta jsejjaħ din il-laqgħa tal-lokalità.

Etienne Montfort

Segretarju Eżekuttiv

19.01.2017